**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Novembru, 2015

Rikors numru : 325/2015 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis-sbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (17/05/2002) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. MF1) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ibniet, L li twieldet fl-erbgha u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (24/12/2002) (certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok. MF2) u R li twieldet fit-tlieta u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (23/06/2005) (certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok. MF3);

2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Susan Mercieca datat tlieta ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (03/03/2009) in forza tad-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 23 ta' Frar 2009. Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni u tad-digriet ta' awtorizazzjoni qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. MF4 u MF5;
3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn erba` snin legalment separati, llum ghandhom hajja totalment separata minn xuxlin;
4. Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet reciprokament iddekadew ghad-dritt li jitolbu jew jircievu l-manteniment minghand xulxin.
5. Illi permezz tal-istess kuntratt ta' separazzjoni ir-ragel obbliga ruhu li jghaddi lill-mara manteniment ta' mitejn Ewro (Ewro 200) fix-xahar u cioe` mitejn Ewro ghall-kull minuri, liema hlas isir b'mod regolari skond l-istess kuntratt biz-zidiet kull sena skont il-ligi;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien indikat minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u dan sabiex jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Awissu, 2015;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta’ Marzu 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur